KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA

Brussel, 13 ta' Jannar 2006

5319/06

PESC 31
CODUN 4
COARM 5

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Segretarjat
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. preċ.:	13066/05 PESC 833 CODUN 19 COARM 38
Suġġett:	Strateġija ta' l-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' l-SALW u tal-munizzjon tagħhom

Id-delegazzjonijiet isibu annessa l-Istrateġija ta' l-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' l-SALW u tal-munizzjon tagħhom li ġiet adottata mill-Kunsill Ewropew fil-15-16 ta' Diċembru 2005.

Strateġija ta' l-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni
u t-traffikar illeċiti ta' l-SALW u l-munizzjon tagħhom

Daħla

1. Il-Programm ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti biex jimpedixxi, jikkumbatti u jeqred il-kummerċ illeċitu ta' armi żgħar u armamenti ħfief (SALW) fl-aspetti kollha tiegħu, adottat fl-20 ta' Lulju 2001, jafferma mill-ġdid il-ħtieġa ta' komplimentarità fil-livelli globali, reġjonali u nazzjonali fl-implimentazzjoni tiegħu. Bl-iżvilupp ta' strateġija għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni ta' u l-kummerċ illiċetu fl-SALW u l-munizzjon tagħhom, l-UE tixtieq tallinja ruħha ma' din il-komplimentarità essenzjali u tagħti kontribut.

2. Kif il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern diġà ddikjaraw fl-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà (ESS) adottata fit-13 ta' Diċembru 2003, il-kuntest ta' wara l-Gwerra Bierda huwa wieħed ta' fruntieri dejjem aktar miftuħa fejn l-aspetti interni u esterni tas-sigurtà huma konnessi b'mod indissolubbli. F'dan il-kuntest ġdid l-Istrateġija semmiet ħames sfidi prinċipali li l-UE għandha quddiemha: it-terroriżmu, il-proliferazzjoni ta' l-armi tal-qerda tal-massa, il-konflitti reġjonali, il-falliment ta' l-Istat u l-kriminalità organizzata.

3. Il-konsegwenzi tal-fabbrikazzjoni, it-trasferiment u ċ-ċirkulazzjoni illeċiti ta' armi żgħar u ta' armamenti ħfief u l-akkumulazzjoni eċċessiva u t-tixrid bla kontroll tagħhom huma ċentrali għal erbgħa minn dawn il-ħames sfidi. Infatti, l-SALW jikkontribwixxu fl-aggravazzjoni tat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, u huma fattur prinċipali fit-tfaqqigħ u l-firxa ta' konflitti, kif ukoll fil-waqgħa ta' l-istrutturi ta' l-Istat. Kif l-Istrateġija Ewropea tenfasizza, dawn il-konflitti, li fihom l-SALW kienu bil-bosta l-aktar fattur strumentali, swew, mill-1990, il-ħajja ta' kważi 4 miljun persuna u ġiegħelu lil aktar minn 18-il miljun persuna oħra jħallu djarhom jew pajjiżhom.

4. Biex taffronta t-theddid li identifikat, l-Istrateġija Ewropea tirrakkomanda Ewropa aktar attiva, aktar koerenti u aktar kapaċi. Hija tirrikonoxxi li l-ebda theddida minn dawn ma hi purament militari u l-ebda waħda ma tista' tiġi affrontata b'mezzi purament militari: kull waħda għandha tiġi affrontata b'taħlita ta' strumenti. L-Istrateġija nnotat il-ħtieġa ta' twegiba li tgħaqqad l-istrumenti u l-linji politiċi kollha disponibbli għall-UE f'azzjoni koerenti kontra n-natura multidimensjonali ta' dawn l-isfidi.

5. Barra minn hekk, kien f'dan il-kuntest li, f'Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta strateġija kontra l-proliferazzjoni ta' l-armi tal-qerda tal-massa (WMD). L-għan ta' din l-istrateġija hu li jitfassal aspett li hu speċifiku għall-SALW biex jiġi żviluppat, b'mod simili, approċċ integrat u pjan ta' azzjoni komprensiv għall-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu fl-SALW u l-munizzjon tagħhom.

6. Id-definizzjoni ta' l-SALW segwita f'din l-istrateġija Ewropea hija dik imniżżla fl-Anness għall-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar il-kontribut ta' l-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid destabbilizzanti ta' armi żgħar u ta' armamenti ħfief (2002/589/PESK).

I. L-AKKUMULAZZJONI U T-TIXRID DESTABBILIZZANTI TA' L-SALW JIKKOSTITWIXXU THEDDIDA DEJJEM TIKBER GĦALL-PAĊI, IS-SIGURTÀ U L-IŻVILUPP

"Is-sigurtà hija pre-kondizzjoni għall-iżvilupp. Il-konflitt mhux biss jeqred l-infrastruttura, inkluża l-infrastruttura soċjali; huwa jinkoraġġixxi wkoll il-kriminalità, igerrex l-investiment u ma jħallix li sseħħ l-attività ekonomika normali. Numru ta' pajjiżi u reġjuni jinqabdu f'ċiklu ta' konflitt, insigurtà u faqar." (ESS)

I.A. L-oriġini u l-konsewgwenzi tat-tixrid illeċitu ta' l-SALW: fattur prinċipali ta' l-instabbiltà ta' l-Istati, wirt tal-Gwerra Bierda

7. L-aċċess li qed jiżdied għal atturi li mhumiex l-Istat għall-ħażniet ta' l-SALW, li fil-parti l-kbira huwa riżultat tal-Gwerra Bierda, bidel in-natura u t-tul tal-konflitti.

8. In-numru ta' armamenti ħfief fiċ-ċirkulazzjoni madwar id-dinja huwa stmat min-Nazzjonijiet Uniti li huwa 600 miljun . L-SALW huma responsabbli għal kważi 500 000 mewt fis-sena, li 300 000 minnhom iseħħu f'konflitti armati. Mid-49 konflitt prinċipali fid-90ijiet, 47 twettqu bl-SALW bħala l-armi prinċipali.

9. Il-"konflitti residwi" sostnuti mit-tixrid illeċitu tal-SALW qed itappnu l-linja ta' separazzjoni bejn il-konflitti armati u l-kriminalità. Il-konflitti interni kontemporanji huma bbażati anqas fuq it-tfittxija ta' vantaġġ militari u politiku milli fuq il-waqgħa totali ta' l-Istati, il-kollużjoni bejn il-partijiet li qed jiġġieldu jew l-aċċess ta' ċerti gruppi għar-riżorsi naturali u għall-kummerċ tagħhom, jew għall-kontrol tat-traffikar tad-drogi. Ma jistgħux jiġu kkunsidrati aktar bħala intervalli qosra fil-kors ta' l-iżvilupp. Għadd kbir ta' gwerer illum huma fenomeni fit-tul. Numru kbir ta' pajjiżi hekk imsejħa ta' wara l-konflitti qed jerġgħu jaqgħu kontinwament fil-gwerra u fil-vjolenza soċjali.

10. L-għanijiet imfittxija huma spiss għall-perijodu qasir u mmirati lejn il-profitt, filwaqt li l-metodi użati għandhom ix-xeħta ta' "gwerra totali". Dawn il-gwerer ġodda huma mmexxija mhux minn armati, iżda minn fazzjonijiet armati opportunisti, bl-ebda dixxiplina militari, li huma spiss responsabbli għal vjolazzjonijiet serji tad-dritt umanitarju u d-drittijiet tal-bniedem kontra l-popolazjonijiet ċivili, u n-nisa u t-tfal b'mod partikolari.

11. L-għodod ta' dawn il-gwerer ġodda huma essenzjalment armi żgħar u armamenti ħfief, aktar milli armamenti tqal. L-abbundanza tal-ħażniet ta' l-armi u l-munizzjon, b'mod partikolari dawk li baqgħu mill-Gwerra Bierda, jagħmlu l-kisba ta' tali armi faċli bl-istess mod miċ-ċivili, il-kriminali, it-terroristi u l-kombattenti. Minbarra l-effetti umanitarji, il-konsegwenzi f'termini ta' l-iżvilupp tal-pajjiżi konċernati huma ddokumentati sew: id-dgħajfien ta' l-istrutturi ta' l-Istat, l-ispostament tal-persuni, il-waqgħa tas-servizzi tas-saħħa u ta' l-edukazzjoni, it-tnaqqis ta' l-attività ekonomika, it-tnaqqis tar-riżorsi tal-gvern, it-tixrid tal-pandemiji, il-ħsara lin-nisġa soċjali u, għall-perijodu fit-tul, it-tnaqqis jew iż-żamma ta' l-għajnuna għall-iżvilupp.

I.B. Din it-tendenza taffettwa prinċipalment l-Afrika Subsaħarjana: fattur ċentrali li jillimita l-iżvilupp

12. Il-fenomenu jaffettwa dawk il-pajjiżi u r-reġjuni li huma diġa' l-aktar dgħajfa: ċerti partijiet ta' l-Amerika Latina, l-Asja Ċentrali u tal-Lvant, il-Balkani u l-Lvant Nofsani. Madankollu l-Afrika tibqa' l-kontinent l-aktar affettwat mill-impatt tal-konflitti interni aggravati mill-influss destabbilizzanti ta' l-SALW. In-numru dejjem jikber ta' operazzjonijiet għaż-żamma tal-paċi (UNAMSIL, UNMIL, UNOCI, MONUC,UNMEE, ONUB, UNMIS u AUmis) u t-tkattir ta' l-embargos tan-Nazzjonijiet Uniti f'dak il-kontinent (il-Liberja, is-Somalja, id-DRC tal-lvant, il-forzi non-governattivi fis-Sierra Leon u r-Rwanda, il-Kosta ta' l-Avorju, ir-reġjun tad-Darfur fis-Sudan) kollha juru l-iskala tad-theddid maħluq fl-Istati Afrikani mill-akkumulazzjoni u t-tixrid illeċiti ta' l-SALW.

13. Il-problema tat-trasferimenti ta' l-SALW għall-Afrika Subsaħarjana ma' tistax tiġi iżolata minn dik tas-sorsi tat-trasferimenti. Kien f'dan il-kuntest li f'Jannar 2004 il-Kunsill tas-Sigurtà inkoraġġixxa lill-pajjiżi li jesportaw l-armi biex jeżerċitaw l-ogħla livell ta' responsabbiltà fit-transazzjoni ta' l-SALW lejn żoni ta' instabbiltà. S'issa l-azzjoni ta' l-Unjoni dwar id-diżarmament, b'mod partikolari fl-Afrika, kienet prinċipalment reattiva, bil-parteċipazzjoni f'numru ta' diżarmamenti post-konflittwali, demobilizzazzjoni u inserzjoni mill-ġdid (DDR) u programmi ta' riforma fis-settur tas-sigurtà (SSR), li tgħin biex tiffinanzja b'mod partikolari permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF).

14. Din l-istrateġija reattiva hija meħtieġa iżda trid tiġi supplimentata b'azzjoni preventiva li taffronta l-provvista u d-domanda illegali kif ukoll il-kontrolli fuq l-esportazzjoni ta' l-armamenti konvenzjonali. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-akkumulazzjonijiet enormi ta' l-SALW maħżuna fl-Ewropa tal-Lvant u fl-Ewropa tax-Xlokk u l-modi u l-mezzi ta' kif dawn jixxerdu fl-Afrika (il-medjazzjoni għall-bejgħ u t-trasport illegali). Skond ir-rapporti tan-NU, mill-aħħar snin tad-90ijiet proporzjon dejjem akbar ta' l-SALW imxerrdin fl-Afrika ġie mill-ħażniet ta' armamenti fl-Ewropa Ċentrali, tal-Lvant u tax-Xlokk. Il-parteċipazzjoni ta' kumpanniji u ta' negozjanti ta' oriġini mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, jew stabbiliti hemm, fil-medjazzjoni għall-bejgħ u t-trasport illegali ta' tali SALW kiber għaldaqstant. Barra minn hekk, minkejja dawn il-ħażniet, il-produzzjoni f'numru ta' siti industrijali wirt tal-passat ma waqfitx hemm, fejn l-għeluq ikollu konsegwenzi soċjali u ekonomiċi lokali kbar u fejn ir-ristrutturazzzjoni tkun teħtieġ investiment sinifikattiv mhux dejjem allinjat ma' loġika ekonomika sempliċi.

I.C. L-obbligu pressanti ta' l-UE biex taġixxi

15. Affrontata b'tali theddid, l-isfida għal strateġija ta' l-UE dwar SALW hija li twieġeb għal dan it-theddid u tiżgura li l-politika tagħha tas-sigurtà u l-politika tagħha ta' l-iżvilupp huma konsistenti, filwaqt li tisfrutta bis-sħiħ il-mezzi tagħha disponibbli fuq livelli multilaterali u reġjonali, fi ħdan l-Unjoni Ewropea u fir-relazzjonijiet bilaterali ta' l-UE sabiex telabora pjan ta' azzjoni li:

(a) iħeġġeġ multilateraliżmu effettiv biex jissawru mekaniżmi, kemm internazzjonali, reġjonali jew fi ħdan l-UE u l-Istati Membri tagħha, fil-ġlieda kontra l-provvista u t-tixrid destabbilizzanti ta' l-SALW u l-munizzjon tagħhom. L-Unjoni għandha ssaħħaħ il-politika u l-attivitajiet tagħha ta' l-esportazzjoni flimkien ma' l-imsieħba tagħha;

(b) jissodisfa t-talbiet tal-Istati li qed ifittxu li jnaqqsu l-ħażniet żejda ta' l-SALW u l-munizzjon tagħhom, jew taħt politika ta' tnaqqis ta' ħażniet jew bil-partċipazzjoni fl-operazzjonijiet tad-DDR;

(c) jippromwovi r-ristrutturazzjoni ta' xi siti industrijali li jipproduċu l-SALW bi prezz baxx fl-Ewropa tal-Lvant u tax-Xlokk;

(d) jippermetti l-implimentazzjoni ta' miżuri biex jiġu indirizzati l-fatturi sottostanti li jinkoraġġixxu d-domanda illegali għall-SALW. L-Unjoni għandha taffronta l-kawżi fundamentali ta' l-instabbiltà, *inter alia* billi ssegwi u ssaħħaħ l-isforzi tagħha fir-rigward tal-konflitti politiċi, l-għajnuna għall-iżvilupp, it-tnaqqis tal-faqar u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

(e) jappoġġa t-tisħiħ ta' l-istat tad-dritt effettiv fil-pajjiżi li jibqgħu instabbli, sabiex tiġi limitata l-inklinazzjoni tan-nies lokali li jipprovdu għad-difiża tagħhom stess u b'hekk iżommu kwantità ta' SALW, li l-preżenza tagħhom tippermetti li l-kriżi tiddeġenera f'ċiklu ta' aggressjoni u ta' tpattija, li huwa impossibbli li tikkontrollahom fi Stat dgħajjef.

II. L-ARMI TA' MIŻURI TA' L-EWROPA: OBJETTIVI U MEZZI

"Il-konflitti reġjonali jeħtieġu soluzzjonijiet politiċi iżda jistgħu jkunu meħtieġa mezzi militari u ħidma ta' pulizija effikaċi fil-fażi post-konflittwali. L-istrumenti ekonomiċi jservu r-rikostruzzjoni, u l-maniġġar ta' kriżi ċivili jgħin iwaqqaf mill-ġdid il-gvern ċivili. L-Unjoni Ewropea hija attrezzata partikolarment tajjeb biex twieġeb għal tali sitwazzjonijiet multidimensjonali." (ESS)

OBJETTIVI

16. Ġa mis-sena 2002 l-Unjoni Ewropea adottat Azzjoni Konġunta (2002/589/PESK) biex taffronta din it-theddida, strument li kien intuża bħala bażi għal azzjonijiet speċifiċi fl-Afrika, l-Asja, l-Amerika Latina u l-Balkani. Fl-Azzjoni Konġunta tagħha l-Unjoni stabbiliet tliet objettivi sovrastanti:

   – li tikkumbatti, u tikkontribwixxi biex ittemm, l-akkumulazzjoni destabbilizzanti u t-tixrid ta' armi żgħar;
   – li tikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' l-akkumulazzjonijiet eżistenti ta' dawn l-armamenti u l-munizzjon tagħhom f'livelli konsistenti mal-ħtiġijiet leġittimi ta' sigurtà tal-pajjiżi, u
   – li tgħin issolvi l-problemi kkawżati minn dawn l-akkumulazzjonijiet eċċessivi.

17. L-objettivi u l-prinċipji imniżżla fl-Azzjoni Konġunta marbuta fost affarijiet oħra mal-kontrolli fuq l-esportazzjoni, il-kontrolli fuq l-importazzjoni u l-produzzjoni ta' l-armi jkomplu japplikaw. Madankollu, din l-azzjoni issa għandha tkun supplimentata sabiex:

   – tiżviluppa approċċ komprensiv u koerenti li jikkontrolla kull forma ta' lieva għad-dispożizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u li hu bbażat fuq ir-rikonoxximent, ifformulat fl-ESS, li s-sigurtà tal-bniedem u l-iżvilupp tal-bniedem huma interdipendenti;
   – tiżviluppa dimensjonijiet ġodda ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni biex tkopri d-dimensjonijiet kollha tal-fenomenu, preventiv u reattiv;
   – tistabbilixxi prijoritajiet ġeografiċi li jsegwu mill-operazzjonijiet immexxija taħt il-PESK u l-PESD.

IL-MEZZI

18. L-Unjoni Ewropea għandha mezzi uniċi biex twieġeb għal din it-theddida. Bil-kapaċità tagħha li tuża firxa sħiħa ta' strumenti ċivili u militari għall-maniġġar ta' kriżijiet u sitwazzjonijiet post-konflittwali u biex tikkontribwixxi għar-rikostruzzjoni, l-Unjoni qiegħda f'pożizzjoni tajba biex tipprovdi tweġiba komprensiva.

19. L-Unjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-kapaċitajiet ċivili u militari ta' l-Istati Membri u tista' sserraħ fuq l-istrumenti tal-PESK u tal-PESD għall-implimentazzjoni effettiva tagħhom. Hija tista' wkoll taġixxi taħt is-sħubija tagħha u l-ftehim ta' kooperazzjoni mar-reġjuni prinċipali tad-dinja li jkopru ż-żoni politiċi, ta' żvilupp u ta' kummerċ. Għodod ta' koordinazzjoni, bħall-Europol u l-Eurojust, jipprovdu mezzi sinifikattivi għal azzjoni fi ħdan it-territorju ta' l-Unjoni. Ma' dawn ir-riżorsi ta' l-Unjoni u tal-Komunità jiżdiedu dawk ta' l-Istati Membri u l-attivitajiet ta' l-atturi varji multilaterali li magħhom l-Unjoni ħolqot rabtiet ta' kooperazzjoni.

Azzjoni esterna: strumenti disponibbli

Appoġġ għal multilateraliżmu effettiv u għal inizjattivi reġjonali rilevanti (b'mod partikolari l-Afrika Subsaħarjana, il-Balkani u dik li kienet l-USSR).

Operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżi ċivili biex jiġu trattati konflitti interni u tensjonijiet trans-konfini u t-twaqqif mill-ġdid tas-sigurtà, permezz ta' attivitajiet ta' taħriġ, pariri, assistenza u konsulenza.

Operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżi militari, li taħthom jistgħu jiġu mibdija kontrolli fuq il-fruntieri, jiġu insedjati forzi għaż-żamma tal-paċi u għall-istabbilizzazzjoni u jsiru kontributi għal operazzjonijiet ta' diżarmament.

Strumenti varji ta' diplomazija ta' l-Unjoni: ġeneralment, il-firxa kollha ta' l-istrumenti tal-PESK jistgħu jiġu mobilizzati b'appoġġ għall-azzjoni ta' l-Unjoni relatata ma' l-SALW (Rappreżentanti Personali, Rappreżentant Speċjali, dikjarazzjonijiet politiċi, appoġġ tekniku, démarches u djalogi strutturati, seminars ad hoc dwar il-kontrolli ta' l-esportazzjoni). Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-koordinament ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni ma' l-imsieħba prinċipali tagħna (djalogu transatlantiku, ir-Russja, iċ-Ċina, il-Ġappun, il-Kanada, il-politika dwar il-pajjiżi ġirien, id-djalogu UE-Afrika, il-proċess ta' Barċellona, Forum Reġjonali ta' l-ASEAN, UE-Amerika Latina u d-Djalogu tal-Karibew).

Sħubija u ftehim ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi: kif diġà hu l-każ b'theddid ieħor (non-proliferazzjoni, terroriżmu, kriminalità organizzata, eċċ),bħala parti minn approċċ integrat ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni, id-djalogi politiċi previsti taħt tali ftehim għandhom jintużaw ukoll bħala pjattaforma biex jiġu mħeġġa l-għanijiet ta' l-Unjoni fil-ġlieda kontra t-tixrid illegali ta' l-SALW u l-munizzjon tagħhom.

Programmi ta' żvilupp u assistenza ffinanzjati mill-EDF (il-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp), fil-qafas tal-kooperazzjoni KE-ACP u permezz ta' programmi li jinkludu kapitlu dwar l-SALW u l-munizzjon tagħhom.

Azzjoni interna:

Mekkaniżmi ta' kooperazjoni tal-pulizija, dawk doganali u ġudizzjarja, b'mod partikolari l-Europol u l-Eurojust; iżda hemm ukoll potenzjal għall-iżvilupp ta' kooperazzjoni aħjar bejn is-sistemi nazzjonali ta' l-Istat Membri.

Sistemi Ewropew u nazzjonali ta' kontroll ta' esportazzjonijiet sensittivi, li jistgħu jservu ta' mudell għal pajjiżi terzi (kodiċi ta' kondotta, mekkaniżmi ta' kontroll ta' l-esportazzjoni)

III. PJAN TA' AZZJONI

"L-isfida issa hija li jingiebu flimkien l-istrumenti u l-kapaċitajiet diversi: programmi ta' assistenza Ewropea u il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, kapaċitajiet ċivili u militari mill-Istati Membri u strumenti oħra. Dawn kollha jistgħu jkollhom impatt fuq is-sigurtà tagħna u dik ta' pajjiżi terzi. Is-sigurtà hija l-ewwel kondizzjoni għall-iżvilupp." (ESS)

20. Minħabba li l-problemi tat-traffikar illeċitu fl-SALW jevolvu kontinwament, dan il-pjan ta' azzjoni għandu jibqa' flessibbli u adattabbli għaċ-ċirkostanzi tal-kuntest tas-sigurtà internazzjonali. L-implimentazzjoni tiegħu ser tiġi sorveljata kontinwament. Huwa ser ikun rivedut regolarment u aġġornat kull sitt xhur permezz ta' rapport interim mill-Presidenza dwar l-implimentazzjoni tiegħu. Huwa ser japplika d-deċiżjonijiet meħuda fl-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 (2002/589/PESK) u ser jissuplimentahom fejn meħtieġ.

(a) Multilateraliżmu effettiv għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi universali, reġjonali u nazzjonali kontra l-provvista u t-tixrid destabbilizzanti ta' l-SALW u l-munizzjon tagħhom.

Internazzjonali

– Promozzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU (PAO) biex Jimpedixxi, Jikkumbatti, u Jeqred il-Kummerċ Illeċitu ta'Armi Żgħar u Armamenti Ħfief fl-Aspetti Kollha Tiegħu .

– Appoġġ għall-adozzjoni ta' strument internazzjonali li jorbot legalment dwar ir-rintraċċar u l-immarkar ta' l-SALW u l-munizzjon.

– Appoġġ għall-2006 tal-ħolqien ta' grupp ta' esperti dwar is-sensar fil-kwadru tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU (POA).

– Promozzjoni tar-ratifika tal-Protokoll Kontra l-Fabbrikazzjoni u t-Traffikar Illeċiti ta' Armi tan-Nar bil-ħsieb li jitħaffef id-dħul fis-seħħ tiegħu u, fil-livell ta' Unjoni Ewropea, adozzjoni ta' strument legali dwar dan is-suġġett.

– Tfittxija ta' consensus fi ħdan il-pajjiżi li jesportaw bil-ħsieb li jsir biss forniment ta' armi żgħar lill-gvernijiet (direttament jew permezz ta' l-intermedjarji ta' entitajiet awtorizzati kif dovut għax-xiri ta' l-armi f'isimhom), b'mod konformi mal-kriterji restrittivi u xierqa reġjonali u internazzjonali dwar l-esportazzjoni ta' l-armi.

– Tisħiħ u appoġġ tal-mekkaniżmi għas-sanzjonijiet u s-sorveljanza ta' sanzjonijiet: jingħataw lin-NU il-mezzi biex timplimenta u tissorvelja l-applikazzjoni ta' sanzjonijet internazzjonali fir-rigward ta' armi ħfief u fir-rigward ta' kummerċ illeċitu f'materja prima u s-serq ta' riżorsi naturali li jsir f'ċerti pajjiżi Afrikani (id-DRC tal-Lvant, is-Somalja, il-Kosta ta' l-Avorju, il-Liberja, is-Sierra Leone, eċċ.).

– Appoġġ għat-tisħiħ tal-kontrolli ta' l-esportazzjoni u l-promozzjoni tal-kriterji tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar l-Esportazzjoni ta' l-Armi billi, inter alia, tingħata għajnuna lil pajjiżi terzi fl-abbozzar tal-leġislazzjoni nazzjonali dwar dan u fil-promozzjoni ta' miżuri għat-titjib tat-trasparenza.

– Promozzjoni ta' l-inklużjoni ta' kriterji internazzjonali komuni minimi u/jew linji gwida għall-kontrolli fuq it-trasferimenti ta' l-SALW fil-UNPOA. Għal dan il-għan, jingħata bidu għal diskussjoniet dwar din il-kwistjoni fil-Konferenza Preparatorja tal-UNPOA f'Jannar 2006 u l-Konferenza ta' Reviżjoni f'Ġunju 2006; issir promozzjoni ta' l-inklużjoni ta' dawk l-istandards li jattiraw appoġġ għal consensus; issir promozzjoni ta' mandat għal aktar ħidma biex jitlesta l-kompitu meħtieġ.

– Appoġġ ta' diskussjoni u azzjoni mill-komunità internazzjonali dwar problemi trans-konfini. Parteċipazzjoni fit-tisħiħ tal-kontrolli tal-fruntieri, b'mod partikolari l-fruntieri ta' l-ajru, fil-pajjiżi affettwati mill-kummerċ illeċitu fl-SALW u l-munizzjon tagħhom (esportaturi u importaturi) permezz ta':

  = programmi ta' assistenza biex jipprovdu tagħmir u assistenza fl-abbozzar tal-leġislazzjoni nazzjonali dwar il-kontrolli ta' l-esportazzjoni u biex iħarrġu istituzzjonijiet fl-Istati ta' l-Afrika Subsaħarjana;

  = programmi ta' taħriġ għad-dipartimenti doganali u aġenziji oħra, b'mod partikolari fil-pajjiżi ta' l-Ewropa tal-Lvant.

– Approċċi ta' appoġġ għall-promozzjoni ta' rwol akbar għall-missjonijiet għaż-żamma tal-paċi awtorizzati mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà fil-qasam ta' l-SALW u l-munizzjon tagħhom.

Reġjonali

– Appoġġ għal inizjattivi reġjonali fil-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu fl-SALW u l-munizzjon tagħhom, bl-ewwel ma jiġu mgħejjuna jkunu dawk fl-Afrika sub-Saħarjana permezz ta' appoġġ finanzjarju u tekniku għal organizzazzjonijiet reġjonali u nazzjonali responsabbli mill-implimentazzjoni ta' l-istrumenti reġjonali rilevanti (il-Moratorium ECOWAS, il-Konvenzjoni ta' Najrobi u l-Protokoll SADC) u, jekk ikun xieraq, it-trasformazzjoni tagħhom f'Konvenzjonijiet reġjonali li jorbtu legalment. L-UE sejra tagħti wkoll attenzjoni prijoritarja lil reġjuni oħra affettwati mill-proliferazzjoni u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' l-SALW, b'mod partikolari l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, l-America Latina u l-Karibew.

– Jingħataw lill-Unjoni Afrikana u lill-organizzazzjonijiet reġjonali Afrikani il-mezzi biex jiżguraw l-applikazzjoni effettiva ta' l-embargos u r-reġim ta' sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti (i.e. il-kontrolli fuq il-fruntieri, b'mod partikolari l-fruntieri ta' l-ajru) u l-mobilizzazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali speċjalizzati (b'mod partikolari l-OPCW).

– Appoġġ għall-promozzjoni tal-Manwal ta' l-OSCE dwar l-Aħjar Prattiċi dwar SALW fost l-imsieħba ta' l-UE. Żvilupp u koordinazzjoni tal-kapaċità ta' l-Istati Membri ta' l-UE biex joffru l-kompetenzi nazzjonali tagħhom f'dan il-qasam lil dawk il-pajjiżi ta' l-OSCE li jitolbuh.

– Appoġġ ta' l-azzjoni ta' l-OSCE fil-ġlieda tal-kummerċ illeċitu fl-SALW u l-munizzjon tagħhom u l-qerda tal-ħażniet żejda ta' l-Istati Membri.

– Appoġġ għall-missjonijiet ta' żamma tal-paċi fil-monitoraġġ tagħhom ta' embargos ta' l-armi.

Fil-qafas ta' ftehim/djalogi strutturati

– Inklużjoni tas-sensar u t-trasferiment illeċitu ta' l-SALW fl-aġenda tad-djalogi politiċi strutturati kollha ta' l-UE ma' pajjiżi li huma esportaturi maġġuri ta' l-SALW, u speċjalment ma' pajjiżi li għandhom ħażniet żejda ta' l-SALW mill-Gwerra Bierda, b'mod partikolari fl-Ewropa tal-Lvant u fl-Ewropa tax-Xlokk.

– Inklużjoni tas-suġġett f'termini aktar speċifiċi fil-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' l-UE għall-Ukrajna u l-Moldova taħt il-politika dwar pajjiżi ġirien.

– B'mod ġenerali, l-inklużjoni tas-suġġett fid-djalogu politiku ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali jew sub-reġjonali. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-koordinazzjoni ta' l-azzjonijiet tagħna ma' l-imsieħba ewlenin ta' l-Unjoni (id-djalogu transatlantiku, is-sħubija strateġika mar-Russja, id-djalogu strateġiku maċ-Ċina, il-politika dwar pajjiżi ġirien, id-djalogu UE-Afrika, il-proċess ta' Barċellona, il-Forum Reġjonali ASEAN, id-djalogu bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew).

– Relazzjonijiet u ftehim ma' pajjiżi terzi: dawn ir-relazzjonijiet għandhom jintużaw bħala parti minn approċċ integrat għall-azzjoni esterna ta' l-Unjoni Ewropea, bħal ma hu diġà l-każ għal theddidiet oħra (in-non-proliferazzjoni, it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, eċċ.). Tista' tiġi kkonsidrata wkoll l-inserzjoni ta' klawżola jew impenn dwar kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu fl-SALW u l-munizzjon tagħhom fil-ftehim kollha ma' pajjiżi terzi.

  – Il-promozzjoni bejn l-imsieħba tagħna ta' l-applikazzjoni tal-kriterji dwar il-kontroll ta' l-esportazzjoni mniżżlin fil-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE, u l-promozzjoni ta' l-iskambju strutturat ta' informazzjoni dwar il-linji politiċi rispettivi lejn żoni sensittivi.

Fi ħdan l-Unjoni

  – Żgurar li l-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK tiġi implimentata.

  – Promozzjoni ta' l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-Pożizzjoni Komuni ta' l-UE ta' l-2003 dwar is-senserija, u l-applikazzjoni armonizzata tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar l-Esportazzjoni ta' l-Armi.

  – Tfassil ta' mekkaniżmi il jkunu approvati mill-Istati Membri għall-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-rettikolati ta' traffikar fl-SALW, b'mod partikolari fil-kuntest tal-monitoraġġ ta' l-embargos tan-NU u l-UE.

  – Promozzjoni ta' l-iżvilupp, permezz ta' l-Europol, l-Euroduanes u l-Eurojust, ta' politika għal ġlieda attiva kontra r-rettikolati ta' traffikar illeċitu fl-SALW (sensara u trasportaturi illeċiti) bl-użu ta' l-ispazju ta' l-ajru, tal-baħar u ta' l-art ta' l-UE, bit-tfassil ta' mekkaniżmi ta' allert u kooperazzjoni u tippermetti li jitwettqu operazzjonijiet tal-pulizija f'dan il-qasam madwar l-Ewropa kollha.

(b) Risposta effettiva għall-akkumulazzjoni u l-problemi maħluqa mid-disponibbiltà tal-ħażniet eżistenti

  – Promozzjoni ta' impenn mill-pajjiżi kollha biex l-armi żgħar li jimpurtaw u jżommu jkunu biss biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' sigurtà leġittimi tagħhom, fuq livell xieraq għall-ħtiġijiet leġittimi tagħhom ta' awto-difiża u sigurtà, inkluż biex tiġi żgurata l-abbiltà tagħhom li jipparteċipaw f'operazzjonijiet ta' żamma tal-paċi tan-Nazzjonijiet Uniti.

– Promozzjoni tal-ħolqien u ż-żamma ta' inventarji nazzjonali ta' armi miżmuma legalment mill-awtoritajiet nazzjonali, u t-tfassil ta' leġislazzjoni nazzjonali restrittiva li tipprevedi b'mod partikolari għal sanzjonijiet kriminali u kontroll amministrattiv effettiv.

– Parteċipazzjoni fl-isforzi biex jitnaqqsu l-ħażniet żejda ta' l-SALW mill-Gwerra Bierda fl-Ewropa tal-Lvant, b'mod partikolari permezz tal-kooperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet li minnhom intalbet l-għajnuna mill-Istati kkonċernati (in-NATO, l-OSCE).

– Tkomplija ta' l-assistenza finanzjarja prevista mill-UE mill-1993 taħt operazzjonijiet ta' Diżarm, Demobilizzazzjoni u Integrazzjoni mill-ġdid (DDR), filwaqt li tittejjeb l-effettività permezz tal-parteċipazzjoni diretta ta' esperti Ewropej f'dawk il-programmi.

– Promozzjoni ta' kampanji ta' edukazzjoni u kuxjenza pubblika biex tittaffa l-kultura ta' vjolenza.

– Miżuri xierqa biex jiġu ttrattati l-kawżi u l-konsegwenzi għall-iżvilupp tal-bniedem tat-tixrid illeċitu ta' l-SALW

– Iż-żieda ta' l-isforzi ta' l-UE biex tinstab soluzzjoni għal konflitti reġjonali, bl-użu ta' l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha, b'mod partikolari fil-kuntest tal-PESK u l-PESD.

– L-Inklużjoni ta' l-istabbiliment ta' konrolli fuq il-fruntieri (jew kontroll ta' l-ispazju ta' l-ajru, l-art u l-baħar taż-żona ta' konflitt) jew ta' diżarm fil-missjonijiet ta' operazzjonijiet militari ta' maniġġar ta' kriżijiet.

– Tisħiħ tal-kapaċità ta' l-UE biex tniedi operazzjonijiet ċivili ta' maniġġar ta' kriżijiet, biex jiġu ttrattati sitwazzjonijiet ta' kriżi u tiġi restawrata s-sigurtà fil-każ ta' konflitti internazzjonali jew tensjonijiet trans-konfini, li jinvolvu t-taħriġ, l-għoti ta' pariri, l-assistenza u l-konsulenza.

– Il-kisba ta' assistenza finanzjarja u teknika għall-istabbiliment jew it-tisħiħ ta' miżuri ta' bini ta' kunfidenza u strutturi reġjonali u sub-reġjonali ta' sigurtà u kooperazzjoni. Tali miżuri jkunu jinkludu ż-żamma ta' reġistri reġjonali ta' armi żgħar u l-iskambju regolari ta' informazzjoni disponibbli dwar esportazzjonijiet, importazzjonijiet, il-produzzjoni u ż-żamma ta' armi żgħar u leġislazzjoni nazzjonali dwar armi tan-nar, kif ukoll konsultazzjonijiet bejn il-partijiet ikkonċernati dwar l-informazzjoni skambjata.

– Jittieħed kont ta' kwistjonijiet ta' sigurtà (i.e. Ir-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà/kwistjonijiet trans-konfini) fit-tfassil ta' programmi ta' żvilupp u assistenza mal-pajjiżi ta' l-ACP.

– Jittieħed kont ta' kwistjonijiet dwar l-SALW u munizzjon fl-istess waqt ta' programmi ta' rikostruzzjoni post-konflittwali, b'mod partikolari fil-qafas ta' l-SSR.

(d) Stabbiliment/żvilupp ta' l-istrutturi meħtieġa fi ħdan l-UE

– Tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-Segretarjat tal-Kunsill sabiex, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u l-Istati Membri, b'mod partikolari bl-appoġġ ta' l-esperti tagħhom fil-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni ta' u l-kummerċ illeċitu fl-SALW, ikun kapaċi jiżgura l-applikazzjoni koerenti ta' l-istrateġija. Is-Segretarjat tal-Kunsill ser jaħdem mill-qrib maċ-Ċentru ta' Sitwazzjoni biex jippromwovi l-ġbir u ċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni u tagħrif sigriet mill-Istati Membri.

– Tħeġġiġ ta' koordinazzjoni orizzontali akbar u skambju mtejjeb ta' informazzjoni u ta' proposti bejn gruppi ta' esperti ġeografiċi u gruppi ta' esperti tematiċi (CODUN, COARM, COSCE, COTER, CONOP) sabiex tiġi stabbilita kapaċità integrata għal inizjattivi u proposti għall-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu fl-SALW. Bl-istess mod, it-tħeġġiġ ta' interazzjoni vertikali bejn gruppi esperti u l-PSC.

– L-iżgurar tal-konsistenza u l-komplimentarjetà bejn id-deċiżjonijiet tal-Kunsill fil-qafas tal-PESK u l-azzjonijiet implimentati mill-Kummissjoni fil-qasam ta' l-għajnuna għall-iżvilupp sabiex jiġi promoss approċċ konsistenti għall-attivitajiet kollha ta' l-UE fil-qasam ta' l-SALW.

____